MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 758/2008

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113)**

**Vs**

**Eric Bugeja (K.I. Numru 614955M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef tliet mija u tmintax Euro u disghin centezmu (€3,318.90) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ April 2009, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef tliet mija u tmintax Euro u disghin centezmu (€3,318.90), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kummercjali kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------